

Brussell, 21 ta' Frar 2024
(OR. en)

6616/24

TRANS 82

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	ST 6581/24 + ADD 1 ST 6230/24 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fit-12-il sessjoni tal-Kummissjoni Preparatorja għall-istabbiliment tar-Reġistru Internazzjonali għall-Vetturi Ferrovarji u fl-1 sessjoni tal-Awtorità Superviżorja stabbilita skont l-Artikolu XII tal-Protokoll tal-Lussemburgu għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet speċifiċi għall-Vetturi Ferrovarji – Adozzjoni

1. Il-Protokoll għall-Konvenzjoni dwar l-Interessi Internazzjonali fit-Tagħmir Mobbli dwar Kwistjonijiet speċifiċi għall-Vetturi Ferrovarji ("il-Protokoll tal-Lussemburgu"), adottat fit-23 ta' Frar 2007 fil-Lussemburgu, jistabbilixxi qafas legali dinji għar-rikonoxximent, il-prijoritajiet u l-infurzar tad-drittijiet tal-kredituri u tal-lokaturi, kif ukoll sistema għall-allokazzjoni ta' numri ta' identifikazzjoni mir-Reġistratur li jippermettu l-identifikazzjoni unika ta' oġġetti tal-vetturi ferrovarji.
2. Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/888/UE¹, l-Unjoni Ewropea approvat il-Protokoll tal-Lussemburgu fir-rigward tal-kompetenzi tagħha kif definit fid-Dikjarazzjoni annessa ma' dik id-Deċiżjoni.

¹ ĠU L 353, 10.12.2014, p. 9.

3. It-12-il sessjoni tal-Kummissjoni Preparatorja għall-Istabbiliment tar-Reġistru Internazzjonali għall-Vetturi Ferrovjarji (Awtorità Superviżorja Proviżorja) u l-1 sessjoni tal-Awtorità Superviżorja tal-Protokoll tal-Lussemburgu huma skedati li jsiru f'Bern, l-Iżvizzera, fis-7 u t-8 ta' Marzu 2024 rispettivament.
4. Fis-26 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill nota ta' informazzjoni b'deskrizzjoni tal-abbozz ta' pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-laqgħat imsemmija hawn fuq. Fis-6 ta' Frar 2024 segwiet proposta formali tal-Kummissjoni.
5. Il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill tikkonċerna l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni b'rabta mal-adozzjoni prevista ta':
 - a) l-Istatuti u r-Regoli ta' Proċedura tal-Awtorità Superviżorja;
 - b) il-Ftehim bejn l-Awtorità Superviżorja tal-Protokoll tal-Lussemburgu u l-Organizzazzjoni Intergovernattiva għat-Trasport Internazzjonali bil-Ferrovija (OTIF) dwar il-funzjonijiet tas-Segretarjat;
 - c) ir-Regolamenti u l-Proċeduri tar-Reġistru Internazzjonali għall-Vetturi Ferrovjarji;
 - d) ir-Regoli Mudell dwar l-Identifikazzjoni Permanenti tal-Vetturi Ferrovjarji żviluppati fil-qafas tal-Kumitat tat-Trasport Intern tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NUKEE).
6. In-nota ta' informazzjoni u l-proposta ġew diskussi fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art fit-30 ta' Jannar u t-13 ta' Frar 2024 rispettivament. Ma ntalbet l-ebda bidla għall-abbozz ta' pożizzjoni mid-delegazzjonijiet, għalhekk id-deliberazzjonijiet fil-livell tal-grupp ta' ħidma tqiesu magħluqa.
7. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni kif jinsab fid-dokument ST 6581/24, rivedut mill-ġuristi lingwisti, u l-addendum 1 tiegħu, u jibagħtu lill-Kunsill għall-adozzjoni.
8. Ladarba d-Deċiżjoni tkun ġiet adottata, il-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat dwar dan.